MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2006

Numru 672/2006

Il-Pulizija
(Sp Alexander Miruzzi)
vs
Jonathan Tabone, iben
Saviour, imwieled Pieta'
Fl-14 ta' frar, 1981

Il-Qorti,

Rat akkużi kontra l-imputat –

1. talli fit-18 ta' ġunju, 2006 għal ħabta tas-1.30 p.m. fl-inħawi tal-Mġiebah, għamel użu minn opra tal-baħar, bin-numru S13973, mingħajr ma kellu liċenzja mill-Malta Maritime Authority;
2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi saq opra tal-baħar, bin-numru S13973, b'aktar minn 10 nodi waqt li kien inqas minn 200 metru mix-xatt;

3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi saq l-imsemmija oopra tal-baħar b'tali mod li setgħet kienet ta' perikolu għall-ħajja ta' persuni jew li setgħet twassal għall-kollizzjoni;
4. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti għamel xi ħsara jew ħassar jew għarraq xi ħaġa għad-dannu tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' ottubru, 2006 fejn il-partijiet infurmaw il-Qorti li d-danni naxxenti minn dan l-inċident ġew kollha mħallsa.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' ottubru, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 328(d) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 25(ċ), 26 u 29(1) ta' l-A. L. 129 ta' l-2001. Rat il-fedina penali netta, l-ammissjoni fl-ewwel seduta ta' din il-kawża u il-fatt li danni ġew imħallsa. Għalhekk, tikkundannah għal piena ta' ħlas ta' multa ta' ħamsin lira maltin (Lm50).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------